# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' April 2002**

**Avviz. numru 221/01**

**Numru 33**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**John Bonavia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sebgha mija u hamsa u sittin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm765.75) rappresentnati danni mill-konvenut ikkagunati fil-proprjeta' tal-mittenti fi Sliema Road, Gzira.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-20 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm765.75,0 bl-imghax legali mit-22 ta’ Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur